# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI
## ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 15 ta' Frar, 2024.**

**Numru 17**

**Rikors numru 780/2011/1 GM**

**Antoinette Debono**

**v.**

**Mario Vella**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-konvenut Mario Vella minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-28 ta' Settembru, 2023 fejn fost ħwejjeġ oħra ġie kkundannat sabiex bħala werriet ta' Maria Concetta *sive* Connie Vella huwa jħallas il-legat li ġie mħolli lill-attriċi Antoinette Debono fis-somma ta' €11,000, bl-imgħax mit-2 ta' Frar, 2011 sa dakinhar li jsir il-ħlas.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf imressaq fil-11 ta' Awwissu, 2011, l-attriċi Antoinette Debono fissret li oħtha, Maria Concetta sive Connie Vella, mietet fil-5 ta' April, 2010. Tgħid li skont t-tmien artikolu tat-testment tagħha tas-17 ta' Marzu, 2010, oħtha Maria Concetta sive Connie Vella ħalliet lil żewġha, il-konvenut Mario Vella, bħala l-werriet universali tagħha, filwaqt li skont is-seba' artikolu tal-istess testment, oħtha ħallitilha legat fis-somma ta' €11,000. L-attriċi tkompli li ta' xejn talbet lill-konvenut għadd ta' drabi sabiex iħallasha din is-somma ta' €11,000, anke permezz ta' ittra uffiċjali tat-2 ta' Frar, 2011, għaliex il-ħlas baqa' ma sarx.

3. Minbarra dan, l-attriċi xliet lill-konvenut li mingħajr il-kunsens tagħha, huwa qabad u ħa xi deheb u xi oġġetti oħra prezzjużi mid-dar fejn joqogħdu.

4. Saħqet ukoll li bejn il-5 ta' April, 2010 u t-8 ta' Diċembru, 2010 hija wettqet diversi serviġi għal benefiċċju tal-konvenut f'ammont totali ta' €4,043.79, li minnhom il-konvenut ħallasha biss s-somma ta' €940. Iżżid li hija baqgħet tagħtih serviġi mid-9 ta' Diċembru, 2010 'il quddiem iżda l-valur tagħhom għad irid jiġi likwidat.

5. Minħabba f'hekk, hija fetħet din il-kawża u talbet lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

*«1. Tiddikjara illi Maria Concetta sive Connie Vella ħalliet legat lill-attriċi in piena proprjetà lil oħtha l-attriċi s-somma ta' ħdax-il elf ewro (€11,000);*

*2. Tordna lill-konvenut sabiex jimmetti fil-pussess ossia jħallas lill-attriċi l-legat imsemmi fl-ewwel talba ossia s-somma ta' ħdax-il elf ewro (€11,000) flimkien mal-imgħax skont il-liġi;*

*3. Tgħid illi diversi dehbijiet u oġġetti prezzjużi meħudin mill-fond fejn jirrisjedu l-kontendenti, numru sbatax (17), Triq Francesco Saverio Caruana, Birkirkara, ittieħdu mill-konvenut bi ksur tal-liġi u in mala fide billi dan kien jaf illi l-oġġetti proprjetà tal-attriċi;*

*4. Tikkundanna lill-konvenut, bħala pussessur in mala fide, sabiex irodd lill-attriċi, u jirritorna fil-fond numru sbatax (17) Triq Francesco Saverio Caruana fi żmien qasir u perentorju, id-dehbijiet u l-oġġetti prezzjużi kollha li għadhom f'idejh, kif irid is-subartikolu 556(1) tal-Kap XVI;*

*5. Tikkundanna lill-konvenut, jekk hemm xi ħwejjeġ illi dan, minn rajh jew bi ħtija tiegħu, ma baqax iżomm f'idejh, illi jrodd lill-attriċi l-qligħ li għamel meta ddispona minn dawn il-ħwejjeġ, jew iħallas lill-attriċi daqskemm jiswew dawk il-ħwejjeġ fiż-żmien tal-kawża jew fiż-żmien meta l-attriċi ma baqgħetx iżżommhom, skont liema jkun l-akbar, flimkien mal-imgħax legali, kif irid is-subartikolu 556(2) tal-Kodiċi Ċivili;*

*6. Tgħid illi l-konvenut, bħala pussessur in mala fide, għandu jwieġeb għall-ħsarat kollha li ġraw b'għemilu jew b'aċċident fid-dehbijiet u oġġetti prezzjuzi msemmija;*

*7. Tillikwida l-ħsarat li ssir referenza għalihom fit-talba preċedenti;*

*8. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi d-danni u l-ħsarat hekk likwidati, flimkien mal-imgħax legali;*

*9. Tiddikjara illi l-attriċi pprestat u rrendiet serviġi lill-konvenut kif ukoll inkorriet spejjeż konsegwenza ta' tali serviġi reżi mill-ħamsa ta' April tas-sena elfejn u għaxra (05.04.2010) 'il quddiem;*

*10. Tillikwida l-kumpens dovut għall-istess serviġi reżi u pprestati lill-konvenut, kif ukoll kumpens għall-ispejjeż illi l-attriċi inkorriet konsegwenza ta' tali serviġi;*

*11. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi dak il-kumpens li jiġi hekk likwidat għas-serviġi reżi u pprestati, kif ukoll għall-ispejjeż inkorsi, flimkien mal-imgħax skont il-liġi.»*

6. Il-konvenut wieġeb għal dan ir-rikors maħluf fit-13 ta' Settembru, 2011, u ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

*«1. Illi fl-ewwel lok, l-esponenti umilment jirrileva illi m'hemm l-ebda kontestazzjoni fir-rigward tal-ewwel, it-tieni u t-tielet premessa kontenuti fir-rikors ġuramentat tar-rikorrenti. L-esponenti però jirrileva illi dawn it-tliet kawżali setgħu faċilment ikunu inklużi f'waħda u ma kien hemm ħtieġa li jkun hemm tliet premessi. Inoltre l-ewwel talba tar-rikorrenti hija għalkollox irrita u dan għaliex it-testment ta' mart l-intimat huwa ċar. Huwa evidenti illi kemm it-tliet premessi u aktar u aktar l-ewwel talba saru biss biex jiżdied l-ispejjeż.*

*2. Illi apparti dawn l-ewwel tliet premessi, il-bqija tal-allegazzjonijiet tar-rikorrenti huma inveritiera u għandhom jiġu miċħuda stante illi huma żbaljati fil-fatt u fil-liġi, bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.*

*3. Illi l-esponenti qatt ma ċaħħad lir-rikorrenti mid-deheb imħolli lilha minn martu Maria Concetta sive Connie Vella permezz tas-sitt artikolu tat-testment datat sbatax (17) ta' Marzu elfejn u għaxra (2010), kif qiegħda tallega illi huwa għamel. Fil-fatt id-dehbijiet u l-oġġetti prezzjużi msemmija mir-rikorrenti fir-rikors ġuramentat tagħha ġew depożitati mill-esponenti taħt 'safe keeping' peress illi dawn id-dehbijiet u oġġetti prezzjużi ma kinux imsakkrin fir-residenza tiegħu u għalhekk l-esponenti ħass illi kellhom jitpoġġew f'post aktar sikur pendenti d-diviżjoni, u b'hekk l-esponenti aġġixxa bħala 'bonus pater familias' u żgur mhux b'mala fede.*

*4. Illi f'dan ir-rigward, l-esponenti kemm-il darba informa lir-rikorrenti illi d-dehbijiet u l-oġġetti prezzjużi li kien hemm fid-dar fejn jirrisjedu l-kontendenti jinsabu depożitati f'post sikur, u interpellaha u talabha kemm-il darba sabiex imorru flimkien u jaqsmu d-deheb illi huwa kien poġġa taħt safe keeping biex b'hekk l-esponenti jieħu dak li huwa tiegħu skont l-Artikolu 5 tal-imsemmi testment, u r-rikorrenti tieħu dak li huwa tagħha skont l-Artikolu 6 tal-istess testment. Nonostante dan, ir-rikorrenti, għall-motivi ulterjuri b'ħażen, qatt ma marret għall-appuntament biex dan isir, u dan mingħajr raġuni valida iżda minflok għażlet li tiftaħ dina l-kawża kontra l-esponenti, avvolja taf illi l-esponenti qatt ma kellu l-ebda intenzjoni li jċaħħadha mid-deheb illi huwa tagħha skont l-imsemmi testment.*

*5. Illi għalhekk l-esponenti jiċħad illi huwa ddispona mill-ħwejjeġ tar-rikorrenti u jinnega li ġraw xi ħsarat f'dawn l-oġġetti, u dina hija biss allegazzjoni bla bażi li saret b'ħażen, stante illi, kif diġà ntqal, dawn jinsabu depożitati taħt safe keeping, kif taf sewwa l-esponenti. Fuq kollox jekk hemm xi ħsarat dawn, jekk jeżistu ma sarux tort tal-esponenti;*

*6. Illi għalkemm huwa minnu illi r-rikorrenti ħalliet legat ta' ħdax-il elf ewro (€11,000), mhuwiex assolutament minnu illi l-espenenti huwa*

*inadempjenti fil-ħlas ta' dan il-legat. Dan għaliex, kif kienet diġà ġiet mgħarrfa r-rikorrenti dawn il-flus kienu ġew iddepożitati f'kont intestat lil mart ir-rikorrenti (recte: l-esponenti) unikament sabiex tiġi aġevolata r-rikorrenti, kif fuq kollox ben tajjeb l-isess rikorrenti. Iżda issa nsiet dan kollu. Inoltre dawn il-flus ma setgħux jinġiebu minħabba li kienu għall-perjodu friżati wara l-mewt ta' mart l-esponenti u għalhekk ma setgħux jiġu rilaxxati. A kuntrarju ta' dak allegat mir-rikorrenti, l-esponenti, tramite ittri mibgħuta mill-konsulent legali tiegħu, għarraf lir-rikorrenti illi huwa kien dejjem dispost illi jgħaddilha l-ammont imsemmi bl-imgħax bankarju kollu, u allura ma kien hemm l-ebda ħtieġa illi ssir din il-kawża. Inoltre għar-rigward tat-talba għall-imgħax qiegħda tiġi kontestata proprju għaliex dina mhijiex transazzjoni kummerċjali iżda waħda ġurament ta' natura personali u familjari;*

*7. Illi għar-rigward tas-serviġi illi r-rikorrenti allegat li ġew reżi minnha lill-esponenti, l-esponenti umilment jissottometti illi din l-allegazzjoni hija kompletament fittizja stante illi fl-ewwel lok huwa jagħmel dak it-tindif u x-xogħlijiet l-oħra meħtieġa fid-dar, u dan oltre li jħallas is-servizzi kollha mingħajr ma r-rikorrenti qatt ikkontribwixxiet xi parti minnhom, għajr għal darba waħda biss fejn hija s-servizzi kienu tħallsu miż-żewġ kontendenti. Fit-tieni lok, sakemm ir-rikorrenti kienet tagħmel xi xogħol fid-dar l-esponenti kien iħallas lir-rikorrenti sittin Euro (€60) kull ħmistax, liema ħlas dejjem sar u qatt ma ġie rrifjutat mir-rikorrenti, u għalhekk ma tistax issa tippretendi li titħallas ammont ħafna aktar ogħla minn dak aċċettat mill-istess rikorrenti u dan mingħajr ebda riżerva u bi ftehim mal-esponenti, speċjalment in vista tal-fatt illi hija, a kuntrarju ta' dak allegat fir-rikors ġuramentat tagħha, hija ma komplietx tirrrendi serviġi.*

*8. Illi għalkemm ir-rikorrenti takkuża l-esponenti b'mala fede, il-mala fede ġejja min-naħa tagħha għaliex hi qed tagħmel minn kollox sabiex l-esponenti ma jkomplix jeżerċita d-drittijiet fuq il-proprjetà sħiħa jiġifieri 17, Triq F.S. Caruana B'Kara kif mħollija lilu minn martu fit-testment li abbażi tiegħu r-rikorrenti intavolat dina l-kawża.*

*9. Illi għalhekk l-azzjoni attriċi hija intempestiva, irritwali, frivola u vessatorja u dan anke fid-dawl tal-fatt li r-rikorrenti, tramite l-avukat tagħha, talbet u ngħatat skrittura ta' transazzjoni biex ssir ftehim iżda minflok hija fetħet il-kawża odjerna u għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kollha kontra l-istess rikorrenti.»*

7. Minbarra r-risposta maħlufa, il-konvenut Mario Vella ressaq ukoll kontrotalba kontra l-attriċi fejn talab lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

*«1. Tiddikjara lir-rikorrenti rikonvenuta responsabbli ta' mhux anqas minn nofs il-ħlas tas-servizzi u l-kirjiet relattivi illi hemm fil-fond residenzjali tal-kontendenti.*

*2. Tiddikjara lir-rikorrenti rikovenuta responsabbli għal ħlas ta' kumpens għall-użu tal-appliances u l-għamara illi hemm fid-dar residenzjali tal-kontendenti.*

*3. Tordna lir-rikorrenti rikonvenuta tħallas lill-esponenti s-somma ta' għaxart elef ewro (€10,000), jew somom verjuri rappreżentanti ammont dovut mir-rikorrenti rikonveuta għall-użu tas-servizzi u kirjiet relattivi u appliances u għamara illi hemm fid-dar residenzjali tal-kontendenti, jew/u tirritorna fil-pussess unikament tal-istess intimat rikonvenut l-appliances imsemmija;*

*4. Tordna lir-rikorrenti rikonvenuta tirritorna fil-pussess unikament lill-esponenti rikonvenjenti (recte: rikonvenzjonanti) il-laptop hawn fuq imsemmi, jew li tħallas lill-intimat is-somma ta' sitt mitt ewro (€600), jew ammont verjuri, rappreżentanti l-valur ta' dan il-laptop;*

*5. Tordna lir-rikorrenti rikonvenuta responsabbli għall-ħlas ta' mhux anqas minn nofs l-ispejjeż tal-gallarija hawn fuq imsemmija liema sehem jammonta għas-somma ta' elf u erba' mitt ewro (1,400) u tordna lill-istess rikorrenti rikonvenuta tħallas l-imsemmija somma, jew somom verjuri.*

*B'riżerva ta' azzjoni kontra r-rikorrenti rikonvenuta.*

*Bl-ispejjeż inkluż dawk tal-ittra uffiċjali numru 357/2011 u tal-Mandat ta' Sekwestru u bl-imgħax legali skont il-liġi, kontra r-rikorrenti rikonvenuta, li minn issa inġunta personalment in subizzjoni.»*

8. L-attriċi Antoinette Debono wieġbet għal din il-kontrotalba fit-3 ta' Ottubru, 2011, b'dawn l-eċċezzjonijiet:

*«1. Preliminarjament, it-talba rikonvenzjonali tal-konvenut ma setgħetx issir u l-konvenut ma għandux jingħata l-jedd illi jissokta b'tali kontrotalba f'din il-kawża għaliex dina mhijiex konnessa mat-talba tal-attriċi peress li mhijiex ġejja mill-istess fatt, jew mill-istess kuntratt jew titolu li minnu ġejjin it-tatbiet tal-attriċi, u lanqas ma huwa l-każ illi l-iskop tal-kontrotalba tal-konvenut huwa li jpaċi l-kreditu mitlub mill-attriċi - tant huwa hekk li ma ntalbet imkien tpaċija mill-konvenut - jew li b'kull mod ieħor tali kontrotalba tista' ġġib fix-xejn l-azzjoni tal-attriċi jew li timpedixxi l-effetti tagħha.*

*2. Bla preġudizzju għas-suespost, l-ewwel talba tal-konvenut għandha tinċaħad għaliex il-partijiet għandhom servizzi u kirjiet separati u dawk*

*komuni huma jew debitament imħallsin jew adegwatament kumpensati mill-attriċi.*

*3. Bla preġudizzju għas-suespost, it-tieni talba tal-konvenut għandha tinċaħad għaliex l-appliances u l-għamara li hemm fid-dar tal-kontendenti, parti minnhom huma proprjetà tal-attriċi biss, u oħrajn huma proprjetà taż-żewġ partijiet flimkien mal-aħwa Debono l-oħrajn u tal-eredi ta' oħthom Cecilia Abela. L-attriċi għalhekk bħala komproprjetarja tista' tinqeda bil-ħwejjeġ li huma proprjetà komuni diment illi tagħmel hekk skont id-destinazzjoni tal-oġġett kif stabbilita bl-użu u diment illi ma tinqediex bl-oġġett kontra l-interess tal-komunjoni, jew b'mod li ma jħallix lill-komproprjetarji l-oħra jinqdew biha in komun skont il-jeddijiet tagħhom.*

*4. Bla preġudizzju għas-suespost, it-tielet talba tal-konvenut għandha tinċaħad għaliex xejn ma huwa dovut mill-attriċi lill-konvenut. L-attriċi għandha dritt tuża l-appliances u l-għamara in kwantu komproprjetarja ta' ħafna mill-oġġetti fid-dar u għalhekk m'għandha tħallas xejn dwarhom lill-konvenut kif ukoll m'għandha tirritorna xejn lill-konvenut għaliex għandha d-dritt għall-pussess ta' tali oġġetti u lill-konvenut ma hija qiegħda ċċaħdu minn ebda pussess. Ċerti servizzi u kirjiet huma mħallsin mill-attriċi biss filwaqt li sehemha għall-bqija jinsab paċut mas-serviġi u x-xirjiet li jsiru għall-konvenut.*

*5. Bla preġudizzju għas-suespost, ir-raba' talba tal-konvenut għandha tinċaħad għaliex l-attriċi m'għandha ebda laptop proprjetà tal-konvenut u tali allegazzjoni hija kompletament fittizja. Għalhekk xejn ma huwa dovut lilu f'dan ir-rigward, u m'hemm xejn li għandu jiġi ritornat lill-konvenut.*

*6. Bla preġudizzju għas-suespost, il-ħames talba tal-konvenut għandha tinċaħad għaliex l-attriċi ma ordnat ebda gallarija u fuq kollox ma ġiet installata ebda gallarija fil-fond residenza tal-partijiet. Għalhekk xejn ma huwa dovut lilu f'dan ir-rigward.*

*7. It-talbiet tal-konvenut rikonvenzjonanti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jinċaħdu fl-intier tagħhom bl-ispejjeż kontrih.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk u meta jkun il-każ.»*

9. B'sentenza parzjali tat-30 ta' Mejju, 2019, l-Ewwel Qorti ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-attiriċi għall-kontrotalba tal-konvenut u b'hekk dik il-Qorti ordnat li l-kawża għandha titkompla kemm fuq it-talba tal-attriċi, kif ukoll fuq il-kontrotalba tal-konvenut.

10. Il-provi tal-partijiet ingħalqu fl-1 ta' Diċembru, 2022 u dakinhar il-partijiet ingħataw il-fakultà li jressqu noti ta' sottomissjonijiet (ara paġna 497 tal-atti tal-kawża). L-attriċi ressqet in-nota tagħha fit-2 ta' Frar, 2023, filwaqt li l-konvenut ippreżenta tiegħu fit-3 ta' April, 2023.

11. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu (ara paġna 532 tal-atti tal-kawża), il-konvenut Mario Vella ddikjara li huwa kien qiegħed jirrinunzja għar-raba' u għall-ħames talba misjuba fil-kontrotalba tiegħu minħabba li jgħid li huwa laħaq qbil mal-attriċi dwarhom waqt il-mixi tal-kawża.

12. Imbagħad b'sentenza finali mogħtija fit-28 ta' Settembru, 2023, l-Ewwel Qorti qatgħet it-talba tal-attriċi u l-kontrotalba tal-konvenut b'dan il-mod:

> *«(1) Tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut sa fejn dawn huma kompatibbli ma' din is-sentenza.*
>
> *(2) Tilqa' l-ewwel talba tal-attriċi billi tiddikjara illi oħtha Maria Concetta sive Connie Vella ħallitilha legat ta' €11,000.*
>
> *(3) Tilqa' t-tieni talba tal-attriċi billi tordna lill-konvenut iħallasha minnufih dan il-legat flimkien mal-imgħax skont il-liġi mit-2 ta' Frar 2011 sad-data tal-ħlas effettiv.*
>
> *(4) Tilqa' t-tielet talba tal-attriċi billi tiddikjara illi l-konvenut bi ksur tal-liġi u in mala fede neħħa diversi dehbijiet u oġġetti prezzjużi proprjetà tal-attriċi mill-fond fejn joqogħdu l-kontendenti, numru 17, Triq Francesco Saverio Caruana, Birkirkara.*
>
> *(5) Tilqa' r-raba' talba tal-attriċi billi tikkundanna lill-konvenut, irodd lill-attriċi l-istess oġġetti fi stat intatt fi żmien xahar mid-data ta' din is-sentenza.*

*(6) Tilqa' l-ħames, is-sitt, is-seba' u t-tmien talbiet fis-sens illi fin-nuqqas li jottempera ruħu mar-raba' talba a sodisfazzjon tal-attriċi tordna lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' €6,000 bl-imgħax legali mill-11 ta' April 2011 sad-data tal-ħlas effettiv. F'każ li jikkonsenja biss parti mill-oġġetti, il-valur tagħhom jitnaqqas minn din is-somma wara li l-oġġetti rritornati jiġu stmati minn espert li tqabbad din il-Qorti wara li ssirilha talba permezz ta' rikors.*

*(7) Tilqa' d-disa', l-għaxar u l-ħdax-il talba attriċi billi tiddikjara illi l-attriċi pprestat u rrendiet serviġi lill-konvenut mill-5 t'April 2010 sat-9 ta' Diċembru 2010 li qiegħda tillikwida fis-somma ta' €2,400 u tikkundanna lill-konvenut iħallas l-istess ammont minnufih bl-imgħax legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-eventwali ħlas effettiv.*

*(8) Tilqa' l-ewwel kontrotalba tal-konvenut fis-sens biss li l-attriċi għandha tħallsu s-somma ta' €1,167.50 bħala sehemha mill-kontijiet tad-dawl u ilma bejn 27 ta' Lulju 2010 u 27 ta' Jannar 2022 u tiddikjara li hija għandha tħallas nofs il-kontijiet tad-dawl u tal-ilma mit-28 ta' Jannar 2022 'il quddiem.*

*(9) Tiċħad it-tieni u t-tielet kontrotalba tal-konvenut.*

*(10) Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tar-raba' kontrotalba billi l-mertu tagħha ġie eżawrit waqt is-smigħ tal-kawża.*

*Spejjeż tal-kawża prinċipali a kariku tal-konvenut. Spejjeż tal-kontro-ċitazzjoni (recte kontrotalba) 4/5 għall-konvenut u 1/5 għall-attriċi.»*

13. Ir-raġunijiet li waslu lill-Ewwel Qorti biex iddeċidiet hekk kienu dawn:

*«Qabel jiġu ttrattati l-fatti konnessi direttament mat-talbiet u kontrotalbiet ta' din il-kawża, tajjeb jiġu ppreċiżati ċerti ċirkostanzi li huma r-retroxena tagħhom u jgħinu biex it-tilwimiet bejn il-partijiet jinftehmu aħjar u jitpoġġew fil-vera perspettiva tagħhom.*

*L-attriċi Antoinette u oħtha Connie akkwistaw il-post 17 Triq Francesco Saverio Caruana, Birkirkara, parti mill-wirt tal-ġenituri u parti mix-xiri tal-ishma ta' ħuthom biex b'hekk kellhom nofs indiviż kull wieħed.*

*Kienu joqogħdu fl-imsemmi fond li trabbew fih. Antoinette qatt ma kellha mpjieg u kienet tieħu ħsieb il-bżonnijiet tad-dar. Connie kienet impjegata. Fil-1995 Connie żżewġet lill-konvenut, Mario Vella u marru joqogħdu fl-istess dar bil-kunsens ta' Antoinette. Ma kellhomx ulied, anke għaliex Connie kienet iżżewġet kbira.*

*B'testment unica charta tas-17 ta' Marzu 2010, Connie:*

*(1) ħalliet b'legat/prelegat:*

*(i) total ta' 2/6 indiviż tal-post intier li xi ħutha u xi neputijiet, 1/6 indiviż lil żewġha.*
*(ii) l-użu u l-użufrutt tal-post intier lil żewġha (konxja li kien legato di cosa altrui).*
*(iii) l-oġġetti tad-deheb u ħaġar prezzjuż appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti lil żewġha.*
*(iv) l-oġġetti tad-deheb u ħaġar prezzjuż provenjenti mill-wirt tal-familja tagħha lil Antoinette. Dan kellu jittieħed immedjatament wara mewtha.*
*(v) €11,000 lil Antoinette.*

*(2) ħatret lil żewġha uniku werriet tagħha.*

*Connie mietet fil-5 t'April 2010.*

*L-aħwa u n-neputijiet imsemmija fetħu kawża kontra Mario (Rik. Ġur. 1288/2010) biex jiġu immessi fil-pussess tal-imsemmi legat. Il-Prim'Awla laqgħet it-talba fis-6 t'Ottubru 2011. Sar kuntratt tal-immissjoni fil-pussess fil-15 ta' Novembru 2011.*

*Fil-11.08.2011 Antoinette fetħet din il-kawża kontra Mario (Rik. Ġur. 780/2011) li permezz tagħha qiegħda titlob: (i) il-ħlas ta' legat ta' xi €11,000; (ii) ritorn tal-oġġetti tad-deheb li kkapparra Mario; u (iii) il-ħlas ta' serviġi mill-05.04.2010 'il quddiem. Mario talab in via ta' rikonvenzjoni: (i) ħlas ta' nofs is-servizzi tal-fond; (ii u iii) €10,000 kumpens għall-użu ta' appliances u għamara; (iv) €600 għal laptop; u (v) €1,400 għal nofs il-gallerija. Talbiet (iv) u (v) ġew irtirati waqt il-kawża.*

*Sadattant kemm Antoinette kif ukoll Mario baqgħu jgħixu fl-istess dar. Antoinette ma kellhiex wisq pjaċir bil-konvenut ġewwa d-dar fejn dejjem għexet tant li fetħitlu kawża biex tipprova toħorġu minnha. Għal dan l-iskop, fil-25.05.2012, l-aħwa u n-neputijiet, flimkien ma' Antoinette, fetħu kawża oħra (Rik. Ġur. 526/12) kontra Mario. B'danakollu, il-Qorti tal-Appell, b'sentenza tat-12.07.2019 iddikjarat lil Mario użufruttwarju tad-dar intiera.*

*Hemm korrispondenza sħiħa bejn il-partijiet u l-avukati tagħhom li permezz tagħha Mario jistqarr li lest li jikkunsinna d-deheb u l-legat ta' flus. B'danakollu, din il-wegħda qatt ma twettqet, lanqas waqt il-kawża. Mario jsostni li għall-bidu ma setax jagħmel hekk billi minħabba l-kawża 526/12 ma setax ikun ċert jekk it-testment kienx sejjer jiġi mwaqqa' – u allura miegħu l-legati. Dik il-kawża però m'attakkatx il-validità tat-testment.*

*Imbagħad, b'riferenza għal-legat tal-flus, isostni li l-flus kienu ffriżati fil-bank wara l-mewt ta' martu. U wara li kien hemm is-sekwestru kontrih minn Antoinette. Il-Qorti xejn ma ssib dawn l-argumenti kredibbli. Fi kwalunkwe żmien Mario seta' faċilment ħallas il-legat u jitwaqqa' s-sekwestru. Il-prokrastinazzjoni da parti ta' Mario tidher ukoll mill-kawża*

*li kellha ssir mil-legatarji l-oħrajn (mhux l-attriċi) (Rik. Ġur. 1288/2010) għall-immissjoni fil-pussess. Imbagħad inqas u inqas għandu kredibilità meta għamel kontrotalba għal somma kważi daqs dik tal-legat (flimkien ma' sekwestru) mingħajr ma huwa suffragat bi provi ċari għall-pretensjoni tiegħu (kif sejjer jiġi spjegat) bl-iskop evidenti biex ipattiha lill-attriċi talli talbet il-legat.*

*L-imgħax, skont Art. 727 tal-Kodiċi Ċivili, jgħaddi minn meta tiġi ppreżentata ittra uffiċjali, f'dan il-każ it-2 ta' Frar, 2011 (Fol. 17).*

*Dwar l-oġġetti tad-deheb, Mario qal li neħħihom mill-kamra tiegħu għaliex beża' li jinsterqu minn mistednin tal-attriċi. Apparti li l-attriċi ċaħdet li jkollha l-mistednin deħlin u ħerġin mid-dar, din ir-raġuni hija insult lejn l-intelliġenza tal-Qorti. Anke jekk dan kien veru, il-konvenut ma kellu jkollu l-ebda diffikultà - jekk tassew ried iwettaq ir-rieda ta' martu – li jifred l-oġġetti tad-deheb li kienu ngħataw b'legat lill-attriċi mid-deheb l-ieħor, jikkunsinahomlha, u d-deheb l-ieħor jaħbih fejn irid. Huwa minnu li wara ħafna kawteli u prokrastinazzjoni, il-konvenut stieden lill-attriċi tmur għand in-Nutar Joseph Tabone biex issir lista tad-deheb (u mhux biex jinqasam) u din irrifjutat. B'danakollu, l-konvenut unilateralment ħeba d-deheb, u, mistoqsi fejn kien, ta diversi tweġibiet, bejn li ma kienx affari tal-attriċi fejn kien, bejn li kien l-HSBC (meta dan m'għadux iżomm oġġetti tad-deheb) u bejn li kien għand in-Nutar Joseph Tabone. Anke jekk tabilħaqq l-attriċi jew il-mandatarji tagħha rrijfutaw li jmorru għand in-Nutar Tabone, xorta waħda jibqa' l-fatt li l-oġġetti tad-deheb u ħaġar prezzjuż l-attur baqa' jirrifjuta jgħid fejn qiegħed saħansitra meta kien qiegħed in kontroeżami bil-ġurament waqt il-kawża. Lanqas iddepożitahom fir-Reġistru tal-Qorti. Diffiċli wieħed jikkonċepixxi mala fede iktar lampanti minn din.*

*L-attriċi, fl-affidavit tagħha, mhux kontradetta, xehdet li l-oġġetti tad-deheb tal-familja tagħha kienu jikkonsistu f'wristwatch tad-deheb bil-batterija li kienet tilbes ommha, ċurkett tal-għerusija bid-djamanti u ċurkett tat-tieġ, ukoll t'ommha, u "jidhrilha" li kien hemm ċurkett turquoise tad-deheb abjad (Para. 14 tal-affidavit tal-attriċi, a fol. 57).*

*Il-Qorti ma ngħatatx stima ta' dawn l-oġġetti. Billi qegħdin fil-pussess tal-konvenut li qiegħed jirrifjuta li jikkunsinnahom lill-attriċi, il-piż tal-prova tal-valur tagħhom jistrieħ fuqu. Il-Qorti m'għandhiex triq oħra ħlief li tillikwida arbitrio boni viri l-valur ta' dan l-oġġetti fis-somma ta' €6,000.*

*Imiss il-kwistjoni dwar is-serviġi. Jirriżulta li malli mietet oħtha, l-attriċi riedet tiġi kkumpensata tas-serviġi li kienet tirrendi lill-konvenut mid-data tal-mewt t'oħtha fil-5 t'April 2010 sakemm waqfet tippresta dawn is-serviġi fid-9 ta' Diċembru 2010. F'dan il-perjodu kienet tixtri l-prodotti tat-tindif tad-dar u tal-ikel minn butha, taħsillu l-ħwejjeġ, taħsillu l-kamra tas-sodda u l-kamra tal-banju, taħsel il-bqija tad-dar, u ssajjarlu darba kuljum. L-attriċi tippretendi €3 kuljum għal wara dan il-perjodu iżda dwar dan ma jirriżultax lill-Qorti xi kontribut li jistħoqqlu kumpens. Dwar il-perjodu April-Diċembru 2010, l-attriċi tippretendi €16.30 (Lm7) kuljum,*

*li jammontaw għal €4,042.40. fil-fatt ingħatat €940 – għall-ewwel €50 imbagħad €60 kull ħmistax li bihom kienet tagħmel ix-xirja u lanqas għal din ma kienu jservu. L-attur jgħid li la aċċettat dawn, ma tistax tippretendi iktar. Imma ma jirriżultawx li dawn kienu kumpens għal serviġi - kienu kumpens għal parti mill-ispiża tax-xirja. Barra minn hekk, hija (anke bl-assistenza tal-mandatarji tagħha) f'dan il-perjodu stess ipprotestat diversi drabi dwar dan il-fatt u għalhekk żgur li ma kien hemm l-ebda aċċettazzjoni da parti tagħha. Il-Qorti ssib li għat-tip u intensità ta' serviġi reżi, €10 kuljum huma biżżejjed u ċjoè €10 x 8 xhur x 30 jum (medji) = €2,400. Il-Qorti mhix sejra tnaqqas €940 li ngħatat għax dawn kienu jirrappreżentaw parti mill-ispejjeż li għamlet l-attriċi, kif ġa spjegat.*

*Il-Qorti taqbel mat-tabella a fol 529-530 imnejn jirriżulta li l-attriċi għandha tħallas €1,167.50 sehemha mill-kontijiet tad-dawl u l-ilma għall-perjodu bejn 27.07/2010 u 27.01.2022.*

*Kull parti għandha s-servizzi ta' telefon u televiżjoni għal rasha; baqa' komuni s-servizz tad-dawl u ilma.*

*Rigward l-użu tal-appliances u għamara, jirriżulta li bejn wieħed u ieħor kulħadd qiegħed juża' tiegħu u għalhekk m'hemm l-ebda kumpens f'dan ir-rigward mill-attriċi.»*

14. Il-konvenut Mario Vella appella minn din l-aħħar sentenza tal-Ewwel Qorti, b'rikors imressaq fis-27 ta' Ottubru, 2023. Iż-żewġ aggravji tiegħu kontra s-sentenza appellata huma dawn: (i) li l-legat li huwa għandu jħallas lill-attriċi għandu jkun fl-ammont ta' €1,000 u mhux ta' €11,000; u (ii) li hu m'għandux iħallas imgħax mit-3 ta' Frar, 2011 fuq dan il-legat ta' €11,000 minħabba li kienu jeżistu raġunijiet tajba għalfejn ma setax jagħmel il-ħlas tal-legat. Għalhekk huwa talab lil din il-Qorti tal-Appell sabiex tirriforma f'dan is-sens it-tieni u t-tielet kap tas-sentenza appellata, li għandhom x'jaqsmu mal-kundanna tal-ħlas tal-legat fl-ammont ta' €11,000, bl-imgħax mit-3 ta' Frar, 2011. Mill-bqija l-konvenut appellant jaqbel li l-kapijiet l-oħra tas-sentenza appellata għandhom jibqgħu kif inhuma.

15. L-attriċi Antoinette Debono wieġbet għal dan l-appell fit-22 ta' Novembru, 2023 u f'din it-tweġiba hija tat ir-raġunijiet tagħha għala dan l-appell għandu jiġi miċħud.

16. Il-Qorti wara li rat l-atti kollha tal-kawża, tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza b'riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

**Konsiderazzjonijiet:**

17. Din il-Qorti titlaq billi tgħid li għalkemm is-sentenza appellata ddeċidiet dwar ħafna aktar affarijiet, madankollu l-appell li għandha quddiemha din il-Qorti jolqot biss dawk il-kapijiet tas-sentenza appellata fejn l-Ewwel Qorti ordnat lill-konvenut appellant sabiex iħallas lill-attriċi appellata l-legat ta' €11,000, bl-imgħax mit-2 ta' Frar, 2011. Ifisser għalhekk li t-tilwimiet li l-partijiet kellhom dwar id-dehbijiet u l-oġġetti prezzjużi li kien jinsabu fid-dar ta' Birkirkara, dwar is-serviġi li l-attriċi wettqet favur il-konvenut u dwar il-kontijiet tad-dawl u l-ilma, illum dawn kollha huma kwistjonijiet magħluqa bis-sentenza tal-Ewwel Qorti.

18. Magħmula din il-preċiżazzjoni din il-Qorti tista' tissokta minnufih

biex tqis l-**<u>ewwel aggravju</u>** tal-konvenut appellant.

19. F'dan l-aggravju l-konvenut jilmenta mill-fatt li l-Ewwel Qorti naqset milli tqis li fil-verità l-valur tal-legat, li Maria Concetta *sive* Connie Vella ħalliet fit-testment tagħha lill-attriċi, huwa biss ta' €1,000 u mhux ta' €11,000, kif iddikjarat fis-sentenza appellata.

20. Il-konvenut appellant jispjega li għalkemm fit-testment ta' Maria Concetta *sive* Connie Vella ġie mħolli legat favur l-attriċi fis-somma ta' €11,000, b'danakollu huwa jsostni li €10,000 minn dawn il-€11,000 kienu diġà flus tal-attriċi għaliex Maria Concetta *sive* Connie Vella kienet ħadet din is-somma ta' €10,000 mingħand l-attriċi u ddepożitathom f'kont bankarju sabiex b'hekk l-istess attriċi tkun tista' tirċievi ħlasijiet ta' benefiċċji soċjali.

21. Jisħaq li huwa veru li l-attriċi appellata ħarbet waqt il-kontroeżami tagħha milli twieġeb dwar din il-kwistjoni, madankollu huwa jgħid li t-Tabib Gino Abela, li jiġi ħu l-attriċi, xehed li dawn l-€10,000 kienu fil-kont bankarju ta' Maria Concetta *sive* Connie Vella sabiex l-attriċi appellata setgħet tieħu l-benefiċċji soċjali. Il-konvenut appellanti jkompli jsostni li l-Ewwel Qorti messha ħadet qies tal-fatt li l-attriċi kienet qiegħda tieħu benefiċċji għall-għajnuna soċjali, meta l-mezzi finanzjarji tagħha kienu moħbija fil-kont bankarju fuq isem Maria Concetta *sive* Connie Vella.

22. Għalhekk il-konvenut appellant jargumenta li effettivament il-valur veru tal-legat ta' €11,000, li ġie mħolli lill-attriċi huwa ta' €1,000, peress li l-€10,000 l-oħra kienu ġa proprjetà tal-attriċi. U billi skont il-konvenut appellant dawn l-€10,000 mhumiex parti mil-legat, huwa jgħid li l-imgħax fuq il-legat imsemmi fl-**Artikolu 727 tal-Kodiċi Ċivili** għandu jitlaq biss fuq is-somma ta' €1,000 u mhux fuq l-ammont sħiħ ta' €11,000.

23. Illi din il-Qorti tosserva li l-**Artikolu 721(1) tal-Kodiċi Ċivili** jgħid illi meta t-testatur iħalli legat pur u sempliċi (jiġifieri mingħajr kundizzjoni), il-legatarju jkollu d-dritt li jirċievi l-ħaġa mħollija lilu bil-legat minn dakinhar tal-mewt tat-testatur (ara ***Paul Vella v. Grace Everest*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Jannar, 2017). Mal-mewt tat-testatur il-proprjetà tal-legat pur u sempliċi tgħaddi għand il-legatarju u minn dak il-mument jitlaq id-dritt tiegħu li jitlob lill-werriet il-pussess tal-ħaġa mħollija lilu b'legat (ara **Artikolu 726(1) tal-Kodiċi Ċivili** u ***Mario Testa et v. Rose Marie Testa*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Lulju, 2014).

24. Meta wieħed jitkellem dwar ġid li jitħalla b'legat, wieħed jifhem li l-ħaġa identifikata tkun tħalliet lil-legatarju, b'dak kollu li jagħmel minnha u bl-aċċessorji tagħha (**Artikolu 731 tal-Kodiċi Ċivili**). Huwa minnu wkoll li jidher li teżisti regola li tgħid li meta kwistjoni tkun dwar jekk legat għandux ikun ammess jew esklużż, għandha tingħata l-interpretazzjoni li

l-iżjed tmil favur il-legatarju; filwaqt li meta l-kwistjoni tkun dwar l-estensjoni jew il-kwantità tal-legat, din għandha tmil favur il-werriet (ara ***Farmacista George Mallia v. Carmela Mallia*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Marzu, 1957 u ***Giuseppi Sciortino et v. Alfred Sciortino*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Ġunju, 2023).

25. Tajjeb li jingħad ukoll illi bħala prinċipju, fejn il-kliem f'dispożizzjoni testamentarja jkun ċar u ma jħallix dubju dwar is-sens tiegħu, dak il-kliem għandu jitwettaq bħala t-tifsira tar-rieda tat-testatur u jekk tqum il-ħtieġa li titfisser ir-rieda tat-testatur, din għandha ssir mid-dispożizzjonijiet tat-testment innifsu (ara ***Nutar Albert E. Micallef et v. Marietta Tonna*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ottubru, 1950 u mhux minn xi interpretazzjoni jew stħajjil 'il barra minnu permezz ta' fehmiet ta' xhieda jew ċirkostanzi bħal dawn (ara ***Carmelo Said et v. Nutar Dr. Giuseppe Cauchi*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Ottubru, 1958).

26. Bħala regola għalhekk it-tifsira li jmissha tingħata lill-kliem tat-testment għandha tkun dik litterali u sa fejn ma jqumx il-bżonn li jkun iċċarat xi kliem ambigwu, m'għandux isir tfettiq dwar x'setgħet kienet il-fehma tat-testatur b'dak il-kliem (ara ***Andrew Buhagiar nomine v. Carmela Mifsud et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' April, 2015 u ***Philip Gauci et v. Maġistrat Dottor Doreen Clarke et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Ġunju, 2017).

27. Illi fil-każ tagħna, il-legat li Maria Concetta *sive* Connie Vella ħalliet lill-attriċi appellata, ġie maħluq bis-seba' artikolu tat-testment tagħha tas-17 ta' Marzu, 2010 (ara paġna 14 tal-atti tal-kawża). Dan l-artikolu tat-testment jaqra hekk:

> *«IS-SEBA' ARTIKOLU*
>
> *It-testatriċi qiegħda tħalli b'titolu ta' legat in piena prorpjetà lil oħtha Antoinette Debono s-somma ta' ħdax-il elf ewro (€11,000).»*

28. Qari oġġettiv u newtrali ta' dan l-artikolu ma jħalli l-ebda dell ta' dubju, li Maria Concetta *sive* Connie Vella riedet tħalli s-somma ta' €11,000 bħala legat determinat lill-attriċi.

29. Imkien ma jissemma fit-testment tagħha, li Maria Concetta *sive* Connie Vella kienet qiegħda żżomm xi flus tal-attriċi, f'kont bankarju miżmum fuq isimha. Hekk ukoll imkien ma jissemma fit-testment tagħha, li €10,000 minn €11,000 kienu qegħdin jitħallew b'legat lill-attriċi minħabba li Maria Concetta *sive* Connie Vella kienet midjuna jew kellha tagħti lill-attriċi din is-somma ta' €10,000.

30. Il-legat imħolli f'dan is-seba' artikolu huwa wieħed ċar immens, *viz*. li Maria Concetta *sive* Connie Vella riedet tħalli s-somma ta' €11,000 lill-attriċi. Għalhekk ladarba l-kliem tas-seba' artikolu huma tali li ma jagħtux lok għal interpretazzjoni, allura din il-Qorti ma tistax twarrab dik li kienet ir-rieda ta' Maria Concetta *sive* Connie Vella. Wara kollox, il-konvenut

appellant ma ressaq l-ebda eċċezzjoni fir-risposta maħlufa tiegħu jew xi kontrotalba fis-sens li l-Artikolu 7 tat-testment huwa null jew simulat kollu kemm hu jew f'parti minnu. Ifisser dan, li l-Artikolu 7 tat-testment għandu jitqies li huwa validu u jirrifletti x-xewqat ta' Maria Concetta *sive* Connie Vella.

31. B'żieda ma' dan, jekk huwa tabilħaqq minnu dak li qed jgħid il-konvenut appellant li s-somma ta' €10,000 mil-legat ta' €11,000, kienu jinsabu fil-kont bankarju personali ta' Maria Concetta *sive* Connie Vella għaliex kienet qiegħda żżommhom għall-attriċi, ħalli b'hekk l-attriċi tkun tista' tgħaddi mit-test tal-mezzi biex tirċievi l-benefiċċji soċjali, allura ma kien hemm xejn xi jżomm lil Maria Concetta *sive* Connie Vella milli tispeċifika fit-testment tagħha li hija kienet qiegħda tħalli legat ta' €10,000 li jinsabu f'dan il-kont personali tagħha.

32. F'din il-qagħda huwa rilevanti ħafna li wieħed iżomm f'moħħu wkoll, li skont l-**Artikolu 705(1) tal-Kodiċi Ċivili**, jekk it-testatur, mingħajr ma jsemmi d-dejn tiegħu, iħalli legat lill-kreditur tiegħu, dan il-legat ma jitqiesx magħmul bi ħlas tad-dejn lejn il-legatarju.

33. Jinżel b'hekk, li tajjeb jew ħażin, ladarba Maria Concetta *sive* Connie Vella ma semmiet xejn fit-testment tagħha dwar dawn l-€10,000, li l-konvenut appellant qiegħed jallega li din Maria Concetta *sive* Connie

Vella kienet qiegħda żżomm fl-interess tal-attriċi, allura l-legat ta' €11,000 imħolli lill-attriċi, li jissemma fis-seba' artikolu tat-testment għandu jitqies li m'għandu x'jaqsam xejn mal-flejjes li l-konvenut appellant qed jgħid li Maria Concetta *sive* Connie Vella kellha fil-kont personali tagħha.

34. Il-konvenut appellant iżda jargumenta li l-Ewwel Qorti messha qieset il-fatt li l-attriċi abbużat mill-benefiċċji soċjali billi għaddiet €10,000 lil Maria Concetta *sive* Connie Vella sabiex b'hekk hija tkun tista' tgħaddi mill-kalkolu tal-mezzi u tirċievi l-benefiċċji għall-għajnuna soċjali.

35. Illi l-Qorti tqis li skont l-**Artikolu 30(6) tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali**, l-għajnuna soċjali li għaliha kap ta' familja jkun intitolat trid tinħadem skont it-**Taqsima VI tat-Tieni Skeda**, li tinsab mal-istess Att. Illi l-**paragrafu 1A tat-Taqsima VI tat-Tieni Skeda** jgħid li meta jsir il-kalkolu tal-mezzi għall-finijiet tal-**Artikolu 30**, għandhom jitqiesu kull proprjetà, kull dħul jew kull privileġġ skont kif ikun indikat fil-**paragrafu 1 tat-Taqsima II tat-Tieni Skeda**. Skont dan l-**ewwel paragrafu tat-Taqsima II tat-Tieni Skeda**, biex wieħed ikun eliġibbli għall-għajnuna soċjali u għall-għajnuna kontra l-mard, il-flus li l-applikant għall-benefiċċju jkollu fil-bank u b'idejh, flimkien ma' ċerti assi oħra li jista' jkollu, bħalma huma *bonds*, *stocks* u proprjetajiet immobbli li ma jkunux id-dar fejn jgħix, ma jridux ikun jaqbżu: (i) l-€14,000 fil-każ ta' familja li tikkonsisti f'membru wieħed biss jew f'għadd ta' membri li l-kap tagħhom ikun persuna mhux

miżżewġa jew ġenitur singlu; jew (ii) l-€23,300 fil-każ ta' familja li mill-anqas tkun tikkonsisti fil-kap tal-familja u l-konjuġi.

36. Bla ma tidħol fuq il-kwistjoni dwar jekk huwiex minnu li l-attriċi ffrodat lill-awtoritajiet kompetenti biex tikseb il-benefiċċju għall-għajnuna soċjali għaliex dan mhuwiex il-mertu tal-kawża li għandha quddiemha din il-Qorti, xorta jibqa' l-fatt li l-konvenut appellant bħala l-werriet ta' Maria Concetta *sive* Connie Vella huwa marbut bid-dispożizzjonijiet li hija ħalliet fit-testment tagħha. La f'dan il-każ Maria Concetta *sive* Connie Vella esprimiet ir-rieda tagħha li tħalli legat ta' €11,000 lill-attriċi, allura l-konvenut appellant bħala werriet tagħha għandu d-dmir li jonora x-xewqa tagħha li jgħaddilha dawn il-€11,000.

37. Fl-aħħar nett jekk il-konvenut appellant tassew għandu provi li l-attriċi stqarret il-falz mal-awtoritajiet kompetenti biex tirċievi l-benefiċċji soċjali b'mod illegali, allura m'hemm xejn xi jżommu milli jgħaddi dan it-tagħrif lill-imsemmija awtoritajiet sabiex dawn ikunu jistgħu jieħdu l-passi meħtieġa kontra l-attriċi. Żgur iżda li din l-inizjattiva tad-denunzja lill-awtoritajiet kompetenti ma tistax teħodha l-Qorti, kif donnu jippretendi l-konvenut appellant, la fl-atti tal-kawża m'hemmx provi: (i) dwar x'tip ta' benefiċċji soċjali tirċievi l-attriċi; (ii) dwar meta l-attriċi applikat għall-benefiċċji soċjali; (iii) dwar x'iddikjarat l-attriċi meta applikat għal dawn il-benefiċċji soċjali; u (iv) dwar il-mezzi finanzjarji li kellha l-attriċi meta

applikat għal dawn il-benefiċċji soċjali.

38. L-ewwel aggravju tal-konvenut appellant għalhekk qiegħed jiġi miċħud kollu kemm hu.

39. Ngħaddu issa biex inqisu t-**tieni aggravju** tal-konvenut appellant, li jolqot l-imgħax fuq il-legat ta' €11,000.

40. L-Ewwel Qorti mxiet fuq l-**Artikolu 727 tal-Kodiċi Ċivili**, li jgħid li l-legatarju għandu jedd jitlob l-imgħaxijiet tal-legat minn dakinhar li jkun, imqar b'ittra uffiċjali, sejjaħ lill-werriet biex jikkunsinna jew iħallas il-legat. F'dan il-każ l-attriċi appellata sejħet lill-konvenut appellanti sabiex iħallasha l-legat ta' €11,000 bis-saħħa ta' ittra uffiċjali tat-2 ta' Frar, 2011 (ara paġna 17 tal-atti tal-kawża). Għalhekk wara li l-Ewwel Qorti ddeċidiet li l-konvenut ma kellu l-ebda raġuni fejjieda biex idewwem il-ħlas tal-legat, hija ordnat li l-imgħax fuq il-legat ta' €11,000 għandu jitlaq mid-data tal-ittra uffiċjali tat-2 ta' Frar, 2011.

41. Huwa mgħallem fil-ġurisprudenza tagħna li l-werriet għandu jagħmel tajjeb bil-ħlas tal-imgħax, jekk dan bla raġuni tajba jdum milli jħallas il-legat lil min kien dovut (ara ***Martin Cassano v. Alessandro sive Sandro Cassano*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Marzu, 2020 u ***Dolores sive Maria Dolores Cilia et v. George Borg et*** deċiża mill-Qorti

tal-Appell fil-31 ta’ Ottubru, 2008). Fis-sentenza ***Doris Catania et v. Evelyn Farrugia et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta’ Ottubru, 2022, però ġie meqjus li hija raġuni tajba biex werriet ma jħallasx mill-ewwel il-legat lill-werriet, jekk kemm-il darba tkun għaddejja kawża fejn fiha jkun qiegħed jiġi impunjat it-testment. Ingħad hekk għaliex sakemm tkun għaddejja l-kawża dwar it-tħassir ta’ dak it-testment, ma jkunx għadu magħruf jekk it-testment kienx jiswa. B’hekk il-werriet, li jista’ ma jibqax werriet jekk jitħassar it-testment, ma jistax raġonevolment ikun mistenni li jieħu r-riskju illi jħallas dak il-legat u jkollu jagħmel tajjeb għalih hu stess, f’każ li t-testment jiġi dikjarat null u hu ma jirnexxilux jiġbor lura dak il-legat li jkun ħallas.

42. Lura għall-każ tal-lum, il-konvenut appellant jsemmi erba’ raġunijiet fit-tieni aggravju għaliex fil-fehma tiegħu l-imgħax fuq il-legat ta’ €11,000 ma kellux jitlaq mit-2 ta’ Frar, 2011.

43. L-<u>ewwel raġuni</u> msemmija minnu għaliex hu m’għandux iħallas l-imgħax hija li sakemm saret id-dikjarazzjoni *causa mortis* ta’ Maria Concetta *sive* Connie Vella u tħallset it-taxxa fuq is-suċċessjoni, il-kontijiet bankarji ta’ Maria Concetta *sive* Connie Vella kienu ffriżati u għalhekk huwa ma kellux aċċess għalihom.

44. Din il-Qorti minnufih tgħid li din l-ewwel raġuni indikata mill-

konvenut appellant hija waħda għalkollox ħażina għaliex l-Ewwel Qorti ma ordnatx lill-konvenut appellant iħallas imgħax qabel ma ġiet ippubblikata d-dikjarazzjoni *causa mortis* ta' Maria Concetta *sive* Connie Vella. Id-dikjarazzjoni *causa mortis* ġiet ippubblikata fl-24 ta' Novembru, 2010 (ara paġna 105 tal-atti tal-kawża) u l-Ewwel Qorti ordnat li l-imgħax fuq il-legat għandu jitħallas mid-data tal-preżentata tal-ittra uffiċjali fit-2 ta' Frar, 2011, jiġifieri ftit xhur wara li saret id-dikjarazzjoni *causa mortis*. Għalhekk din l-ewwel raġuni biex ma jsirx il-ħlas tal-imgħax qiegħda tiġi miċħuda.

45. It-tieni raġuni indikata mill-konvenut appellant hija li huwa ma setax iħallas il-legat minħabba li l-attriċi appellata ħarġet kontrih mandat ta' sekwestru kawtelatorju fil-11 ta' Awwissu, 2011 u għalhekk jgħid li huwa m'għandux iħallas imgħax wara din id-data.

46. Anke din ir-raġuni iżda ma tistax titqies bħala waħda mistħoqqa għaliex il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju nħareġ kontra l-konvenut appellant għaliex huwa stess kien qiegħed jirrifjuta milli jħallas il-legat. Li kieku l-konvenut appellant ħallas mill-ewwel il-legat ta' €11,000 u dak kollu li kellu jagħti lill-attriċi appellata, kieku l-attriċi ma kinitx titlob li jinħareġ il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju. Tassew il-mandat inħareġ minħabba d-deċiżjoni tiegħu li ma jħallasx dak li kellu jagħti lill-attirċi. Jiġi b'hekk, li l-konvenut appellant ma jistax iqanqal in-nuqqasijiet tiegħu

stess biex jinħeles mill-ħlas tal-imgħax. Kif jingħad bil-Latin, *commodum ex iniuria sua non habere debet*, li maqlub għall-Malti jfisser: li ebda persuna m'għandha tieħu vantaġġ mill-ħażin tagħha stess.

47. Fuq kollox, kif sewwa qalet l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, ma kien hemm xejn xi jżomm lill-konvenut milli joffri l-ħlas tal-legat biex l-attriċi twaqqa' s-sekwestru kawtelatorju. Għaldaqstant din il-Qorti qiegħda twarrab ukoll din it-tieni raġuni.

48. It-<u>tielet raġuni</u> indikata mill-konvenut appellant hija li l-legat imħolli lill-attriċi kien biss fl-ammont ta' €1,000 u mhux fl-ammont ta' €11,000. Għalhekk jgħid li l-imgħax imsemmi fl-**Artikolu 727 tal-Kodiċi Ċivili** għandu jitħaddem biss fuq is-somma ta' €1,000.

49. Kif rajna però waqt li kien qiegħed jiġi mistħarreġ l-ewwel aggravju tal-konvenut appellant, instab li dan ma kienx minnu. Kemm hu hekk, il-Qorti ddeċidiet li huwa jrid iħallas is-somma kollha ta' €11,000, li tħalliet minn Maria Concetta *sive* Connie Vella bħala legat favur l-attriċi appellata u mhux biss €1,000. Anke din it-tielet raġuni għalhekk ma tistax teħles lill-konvenut appellant milli jħallas l-imgħax fuq l-ammont ta' €11,000.

50. L-<u>aħħar raġuni</u> li semma l-konvenut għaliex ma jistħoqqlux iħallas l-imgħax fuq il-legat, hija minħabba li l-attriċi appellata flimkien ma' oħrajn

kienu fetħu l-kawża ***Helen Vella et v. Mario Vella (Rik. 526/2012SM)*** dwar il-kontenut tat-testment ta' Maria Concetta *sive* Connie Vella.

51. L-atti ta' din il-kawża bin-numru 526/2012SM ġew mehmuża mal-atti ta' din il-kawża b'riħet digriet mogħti mill-Ewwel Qorti nhar it-3 ta' Marzu, 2020 (ara paġna 237 tal-atti tal-kawża).

52. Din il-Qorti dlonk tosserva li għalkemm il-konvenut jipprova jagħti l-impressjoni fl-aggravju tiegħu, li fil-kawża 526/2012SM kien qiegħed jiġi attakkat is-siwi tat-testment ta' Maria Concetta *sive* Connie Vella, madankollu f'dik il-kawża kien qiegħed jiġi mistħareġ biss jekk il-konvenut appellant kellux il-jedd ta' użu u użufrutt fuq il-dar kollha numru 17, fi Triq Francesco Saverio Caruana, ġewwa Birkirkara.

53. Għalhekk ladarba fil-kawża 526/2012SM, la kien qiegħed jiġi attakkat it-testment ta' Maria Concetta *sive* Connie Vella u lanqas ma kien qiegħed jiġi b'xi mod ikkontestat il-legat ta' €11,000 li ġie mħolli lill-attriċi appellata, allura l-konvenut appellant ma setax jiggranfa ma' dawn il-proċeduri ġudizzjarji biex ma jonorax il-ħlas tal-legat ta' €11,000, kif riedet Maria Concetta *sive* Connie Vella.

54. Peress li anke din l-aħħar raġuni mogħtija mill-konvenut appellant biex ibiddel il-kap tas-sentenza appellata dwar l-imgħax hija ħażina, dan

iwassal lil din il-Qorti biex tiċħad it-tieni aggravju.

55. Jista' jkun li l-konvenut appellant kien ikollu raġun li kieku argumenta li l-imgħax fuq il-legat ta' €11,000 kellu jibda mid-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali li seħħet fil-11 ta' Frar, 2012 u mhux mid-data tal-preżentazzjoni tal-istess ittra uffiċjali fit-2 ta' Frar, 2012. Imma aggravju f'dan is-sens ma tressaqx mill-konvenut appellant u għalhekk din il-Qorti hija miżmuma milli tidħol fih.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda **tiċħad** l-appell tal-konvenut Mario Vella u tikkonferma f'kollox is-sentenza appellata, bl-ispejjeż kollha kontra l-istess konvenut.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss